# Ir-Rapport Annwali tal- Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta minn Jannar sa Diċembru 2015

## Introduzzjoni

Dan ir-rapport ikopri x-xogħol li twettaq mill-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ("il-Kunsill") minn Jannar sa Diċembru 2015. Matul is-sena konċernata, il-Gvern Malti reġa' kkonferma l-mandat tal-membri tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta biex iservi għas-snin 2015-2018. Il-membri kollha ġew konfermati ħlief għas-Sur Franklin Mamo li talab hu stess li ma jservix għat-tieni mandat u s-Sur Joseph Muscat li kien irriżenja fl-2014. Minflokom inħatru s-Sinjura Louisiana Busuttil sabiex tirrappreżenta l-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea skont Artiklu 5.1 (ċ) tal-Att XX tal-2011 u s-Sur Joseph Xerri skont Artiklu 5.1 (b) tal-Att imsemmi. Il-Kunsill issa hu magħmul minn dawn il-kunsilliera:

## Iċ-*Chairperson* tal-Kunsill

L-Onorevoli Ministru għall-Affarijiet Barranin, Dott. George W. Vella,

## Il-Membri tal-Kunsill

Id-Dott. Edwin Borg-Manche

Is-Sra Louisiana Busuttil

Il-Prof. Maurice N. Cauchi

Is-Sur Lawrence Dimech

Is-Sra Carmen Galea

Il-Prof. Stephen Gatt

Id-Dott. Gejtu Pace

Is-Sra Rosalie Rivett

Is-Sur Bernard Scerri

Is-Sur Frank Scicluna

Is-Sur Joseph Sherri

Ir-Rev. Mons. Alfred Vella

Is-Sur Louis J. Vella

Is-Sur Joseph A. Xerri

Id-Dott Larry Zahra

Is-Segretarja tal-Kunsill is-Sra Maria Camilleri Calleja

Iż-żewġ attivitajiet prinċipali tal-Kunsill seħħew f'April. L-ewwel attività kienet il-Konvenzjoni tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta li saret bejn l-20 u t-23 tax-xahar. It-tieni attività kienet is-sitt laqgħa tal-Kunsill li saret il-ġurnata ta' wara fl-24 tax-xahar.

## I. Ir-Raba' Konvenzjoni għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta

Il-Kunsill kien involut direttament fl-organizazzjoni u t-tfassil tal-programm tal-Konvenzjoni permezz tal-ħidma tal-kunsillier il-Prof. Maurice N. Cauchi flimkien mal-Kumitat organizzattiv tal-Konvenzjoni li bdiet bosta xhur qabel. Il-Kumitat iltaqa' diversi drabi u għamel użu, mill-faċilità tal-*Video Conferencing* biex jipparteċipa fiha l-Prof Cauchi. Flimkien mas-Sur Louis Vella u s-Sur Franklin Mamo, huwa serva ta' punt ta' referenza bejn il-Kumitat u l-Kunsill biex jiġi kkordinat ix-xogħol tal-Konvenzjoni.

F'din il-Konvenzjoni tlaqqgħu f'Malta madwar 120 parteċipant u osservatur bil-maġġoranza kbira tagħhom ġejjin minn diversi pajjiżi tad-Dijaspora Maltija, fosthom mill-Awstralja, mill-Belġju, mill-Emirati Għarab Magħquda, minn Franza, mill-Ġordan, mill-Italja, mill-Kanada, mil-Lussemburgu mir-Renju Unit, u mill-Istati Unit tal-Amerika.

Fl-20 ta' April, il-parteċipenti ltaqgħu mal-President ta' Malta l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca fil-Palazz ta' Sant' Anton. Matulha saret quddiesa mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech mgħejun mill-President tal-Kummissjoni Emigranti Mons Philip Calleja u mir-Rappreżentant tal-Arċidjoċeżi ta' Malta għall-Emigranti Fr Alfred Vella.

Il-Konvenzjoni nfetħet uffiċċjalment mill-Prim Ministru, l-Onor. Dott. Joseph Muscat nhar l-21 ta' April f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, fil-Belt Valletta. Waqt il-ftuħ saru diskorsi mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin, l-Onorevoli Dott. George W. Vella u mill-Onorevoli Dott. Simon Busuttil, il-Kap tal-Oppożizzjoni. Fil-ġranet tal-Konvenzjoni kien hemm żewġ plenarji u sitt *workshops* li matulhom tressqu preżentazzjonijiet dwar l-identità, il-kultura u l-lingwa Maltija, l-istorja tal-emigrazzjoni u l-futur tad-Dijaspora Maltija. Iż-żgħażagħ mid-Dijaspora Maltija kienu fiċ-ċentru ta' din il-Konvenzjoni fejn mhux biss kienu numerużi iżda pparteċipaw bis-sħiħ fil-*workshops* kollha. Ħareġ biċ-ċar ukoll f'din il-Konvenzjoni li d-demografija tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta qiegħda gradwalment tinbidel, b'Maltin illum jinsabu f'firxa akbar ta' pajjiżi madwar id-dinja. Matul il-ġranet tal-Konvenzjoni saret wirja artistika minn artisti tad-Diaspora Maltija li inħadmet flimkien ma' Heritage Malta, kif ukoll wirja artistika mit-tfal tal-iskola f'Malta u Għawdex li saret fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin. Kif ukoll ittella' Simpożju Lettararju flimkien mad-Dipartimenti tal-Malti u l-Ingliż fl-Università ta' Malta.

Mir-rispons li rċieva l-Kunsill, din il-Konvenzjoni tqieset bħala waħda ta' suċċess kemm minħabba l-kwalità tal-interventi kif ukoll bil-parteċipazzjoni qawwija miż-żgħażagħ tad-Diaspora Maltija.

Saret analiżi u evalwazzjoni tal-istess Konvenzjoni fejn ġew irrimarkati numru ta' punti fejn jista' jsir titjib f'konvenzjonijiet futuri.

## II. Is-sitt laqgħa tal-Kunsill

Fl-24 ta' April, saret is-sitt laqgħa tal-Kunsill f'Malta skont artiklu 6 paragrafu 4 tal-Att XX tal-2011. Il-laqgħa saret f'Sala Borġ Olivier fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin. Il-Kunsill kellu fuq l-aġenda tiegħu temi li jinkludu l-analiżi u l-evalwazzjoni tal-Konvenzjoni, il-qari tar-rapport ta' ħidma tad-Direttorat għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta, ir-reġistru u l-formoli relatati mal-organizzazzjonijiet volontarji ta' Maltin u ta' persuni prominenti li jgħixu barra minn Malta, id-dritt tal-vot għall-Maltin li jgħixu barra, ir-reviżjoni tal-Att XX tal-2011, il-Passaporti Bijometriċi u s-servizzi konsulari, it-tagħlim tal-lingwa Maltija, kif ukoll il-koordinament mażżgħażagħ fid-Diaspora.

## III. Ir-Reġistru ta' Organizzazzjonijiet ta' Matlin li jgħixu barra minn Malta (Formola O) u r-Reġistru ta' Persuni Prominenti Maltin li jgħixu barra minn Malta (Formola P)

Para 10 tal-Att XX tal-2011 jitlob li jinżamm reġistru ta' organizazzjonijiet volontarji mwaqqfa barra minn Malta u reġistru ieħor ta' Maltin prominenti li jgħixu barra minn Malta.

Il-Kunsill iddiskuta il-formoli proposti mid-DMLA li kellu taħditiet ma' diversi entitajiet biex jiġu fformulati dawn ir-reġistri, fosthom mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data, il-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji u l-Uffiċċju Legali tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

Ġie rrimarkat li jaf ikun hemm restrizzjonijiet f'ċertu data li tista' tinżamm minħabba l-protezzjoni li toffri l-liġi fejn jidħlu dettalji personali. Kif ukoll il-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji (CVO) stqarr li l-kelma 'reġistru' taf toħloq kunflitt fejn jidħlu l-liġijiet li jirregolaw l-għaqdiet volontarji f'Malta.

Fuq talba tal-Kunsilliera, id-DMLA reġa' rreveda ż-żewġ formoli sabiex inaqqas sezzjonijiet li fil-fehma tagħhom kienu se jkunu ta' xkiel, fosthom talbiet għall-informazzjoni dwar baġit u dħul finanzjarju.

Sussegwenti għal din id-diskussjoni, fuq talba tal-Kunsill, il-formoli ġew riveduti wara laqgħa bejn id-DMLA u s-CVO. Verżjoni oħra tal-abbozz tal-formoli mistennija tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss fl-2016.

## IV. Il-Vot għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta

Xi Maltin ta' barra jħossu li għandhom ikunu rappreżentati fil-Parlament Malti u fil-Parlament Ewropew. Il-kunsilliera esploraw diversi mudelli ta' rappreżentanza li huma imħaddma f'pajjiżi oħrajn. Huma qed iħarsu lejn suġġerimenti li joħorġu minn dan l-eżerċizzju sabiex jaslu għall-aħjar mudell ta' rappreżentanza li jista' jagħti l-aħjar riżultati lill-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Fosthom anki li jingħataw l-opportunità li jsiru suġġerimenti li bihom tista' ssir bidla fil-liġi jew saħansitra fil-Kostituzzjoni. L-aktar mudell li ssemma' fost il-Kunsilliera, jagħti lok lil żewġ Maltin li jgħixu barra minn Malta li jkollhom post fil-Kamra tar-Rappreżentanti mingħajr ma jkollhom vot jew b'xi mod jaffettwaw l-andament tal-Kamra. Dan il-kunċett għandu jiġi studjat iktar fil-fond mis-CMLA. L-istess eżerċizzju jrid isir sabiex tinstab l-aħjar rappreżentanza għall-Maltin li jgħixu barra fil-Parlament Ewropew.

Il-Kunsill talab lid-DMLA biex jifformula u jibagħat ittra lis-Segretarju Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit Laburista u s-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista biex jinformhom b'dak li qiegħed jiġi diskuss u propost fil-Kunsill u jitlob r-reazzjonijiet tagħhom.. Din il-korrispondenza ntbagħtet fl-1 ta' Ġunju 2015. Kopja tal-ittra intbagħtet ukoll liċ-Ċerperson tal-Kumitat Parlamentari għall-Affarijiet Barranin u Ewropej fil-Parlament Malti.

## V. It-tagħlim tal-Lingwa Maltija barra minn Malta

Dan huwa suġġett li ilu jiġi diskuss fil-Kunsill. Fuq talba tal-Kunsill sabiex jinstabu sitwazzjonijiet prattiċi għall-kommunitajiet tal-Maltin li jgħixu barra, Twaqqaf Kumitat Interministerjali għat-tagħlim tal-lingwa Maltija barra minn Malta. F'dan il-Kumitat qed jieħdu sehem uffiċċjali mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin. F'dan il-Kumitat qed issir ħidma biex tiġi stabilita u titħaddem pjattaforma diġitali għat-tagħlim tal-lingwa Maltija li tkun aċċessibli bl-internet.

Is-CMLA ħadem fuq il-proposti tiegħu għall-konsultazzjoni li tniedet mill-Ministeru għall-Edukazzjoni fl-aħħar ta' Ottubru dwar il-politika lingwistika għas-Snin Bikrin għal Malta u Għawdex.

*Parteċipazzjoni fil-Forum Nazzjonali tal-Ilsien Malti.*

Is-Sur Joseph Xerri, Kunsillier, attenda għal Forum tal-Ilsien Malti li sar fis-7 ta' Novembru 2015. Huwa ħa sehem fil-Workshop li kellu x'jaqsam mal-ħidma preżenti u futura tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Ressaq proposta li jinħatar Kumitat jew sotto-Kumitat li jkollu x'jaqsam esklussivament mal-ħidma tal-Kunsill fejn jidħol l-Ilsien Malti vis-a-vis il-Maltin ta' Barra.

## VI. Passaporti Biometriċi

Sar progress sostanzjali fit-tħejjijiet biex il-Gvern Malti jkun jista' jipprovdi servizz aktar mifrux ta' ħruġ ta' passaporti mill-Konsolati tiegħu madwar id-dinja. Il-Gvern Malti xtara u ħejja għadd ta' *mobile units* oħra sabiex jintużaw għall-ġbir ta' data ta' applikanti għall-passaporti qrib komunitajiet Maltin residenti lil hinn mill-Konsolati. Fil-fatt tlestew u tqassmu ħames *mobile units,* wieħed f'kull waħda minn dawn l-ibliet: Toronto, Washinghton, Londra, Ruma u Kanberra. Dawn ser ikunu qed jintużaw fl-2016.

**VII. Sezzjoni jew Kumitat għaż-żgħażagħ Maltin li jgħixu barra minn Malta**

Il-membri żgħażagħ tad-Diaspora Maltija li kienu preżenti fil-Konvenzjoni iltaqgħu ma' uffiċċjali tal- Aġenzija Żgħażagħ, mal-Kumitat tal-Valletta 2018 kif ukoll ma' uffiċċjali marbuta mal-Presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2017. Wara taħditiet li saru mal-Aġenzija Żgħażagħ, ġew identifikati żewġ binarji li l-Aġenzija tista' taħdem fuqhom għall-benefiċċju taż-żgħażagħ Maltin li jgħixu barra minn Malta:

1. Isiru applikazzjonijiet għall-Erasmus+ Programme għall-proġetti strateġiċi, inkluż it-tagħlim tal-Malti fost iż-żgħażagħ u t-tixrid ta' xogħlijiet ta' arti u kultura. Din il-politika hija marbuta wkoll mal-Presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-UE fl-2017 kif ukoll mal-V18.

2. Fil-laqgħa tal-Kunsill, ġie deċiż li s-sit elettroniku u l-kuntatti li għandha Aġenzija Żgħażagħ jiġu ċirkolati fost is-CMLA bil-għan li jintlaħqu kemm jista' jkun żgħażagħ Maltin membri tad-dijaspora. Fl-istess waqt il-Kunsilliera jagħtu l-kuntatti lid-DMLA biex iressaqhom lill-Aġenzija Żgħażagħ. Mal-uffiċċjali marbuta mal-Presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, ġie deċiż li dawn l-entitajiet iżommu lill-gruppi taż-żgħażagħ infurmati bl-attivitajiet li jorganizzaw minn żmien għal ieħor.

3. L-Aġenzija Żgħażagħ ser taħtar uffiċċjal minn tagħha sabiex iservi ta' punt ta' referenza għal dawn iż-żgħażagħ.

**VIII. Ir-reviżjoni tal-Att XX tal-2011**

Kien deċiż li s-CMLA jibgħat l-abbozz bis-suġġerimenti li tressqu lit-taqsima legali tal-Ministeru Wara li dan seħħ, it-taqsima legali evalwat is-suġġerimenti msemmija u ltaqgħat mas-Sur Louis Vella f'Lulju 2015 biex jiġu diskussi l-emendi proposti. Id-diskussjoni bejn il-Kunsillier tas-CMLA fuq il-kummenti u l-opinjoni li fformulat it-taqsima legali għadhom għaddejjin u rapport dwar dan għandu jiġi mogħti fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**IX. Suġġetti Oħra**

Matul is-sena saru diskussjonijiet fuq diversi suġġetti bejn il-Kunsilliera, partikolarment dwar il-problema tat-taxxi għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta, il-kwistjoni ta' żvilupp ta' propjeta' mingħajr il-permess tas-sid tal-art kif ukoll id-dritt tal-vot għall-Maltin ta' barra li għandhom id-dritt li jivvutaw. Dawn il-punti għandhom jiġu diskussi u elaborati fil-laqgħa annwali tas-CMLA f'Mejju 2016.

Ministeru għall-Affarijiet Barranin